

Brussell, 23 ta' Novembru 2021
(OR. en)

14046/21

**Fajl Interistituzzjonali:
2008/0140(CNS)**

**SOC 662
ANTIDISCRIM 99
MI 859
JAI 1255
FREMP 268**

RAPPORT

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti / Kunsill
Nru. dok. preċ.:	13394/21
Nru dok. Cion:	11531/08 - COM(2008) 426 final
Suġġett:	Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali - Rapport ta' Progress

I. INTRODUZZJONI

Fit-2 ta' Lulju 2008, il-Kummissjoni adottat proposta għal Direttiva tal-Kunsill bil-għan li testendi l-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni abbażi ta' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali għal oqsma lil hinn mill-impjieg. Waqt li tikkomplementa l-leġiżlazzjoni eżistenti tal-KE¹ f'dan il-qasam, id-Direttiva orizzontali proposta dwar it-trattament ugwali tipprojbixxi d-diskriminazzjoni għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq fl-oqsma li ġejjin: il-protezzjoni soċjali, inkluż is-sigurtà soċjali u l-kura tas-saħħa; l-edukazzjoni; u l-aċċess għall-oġġetti u s-servizzi, inkluża l-akkomodazzjoni.

¹ B'mod partikolari, id-Direttivi tal-Kunsill 2000/43/KE, 2000/78/KE u 2004/113/KE.

Maġġoranza kbira tad-delegazzjonijiet laqgħet il-proposta fil-prinċipju, b'bosta minnhom japprovaw il-fatt li l-għan tagħha hu li tikkompleta l-qafas legali eżistenti billi tindirizza l-erba' raġunijiet ta' diskriminazzjoni kollha permezz ta' approċċ orizzontali.

Il-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet affermat l-importanza tal-promozzjoni tat-trattament ugwali bħala valur kondiviż fl-UE. B'mod partikolari, diversi delegazzjonijiet issottolinjaw is-sinifikat tal-proposta fil-kuntest tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità (UNCRPD). Madankollu, xi delegazzjonijiet kienu jippreferu dispożizzjonijiet aktar ambizzjużi fir-rigward tad-diżabilità.

Waqt li enfasizzaw l-importanza tal-għieda kontra d-diskriminazzjoni, fl-imgħoddi, xi delegazzjonijiet kellhom dubji dwar il-ħtieġa għall-proposta tal-Kummissjoni, li huma qisuha bħala vjolazzjoni tal-kompetenza nazzjonali għal ċerti kwistjonijiet u konfliġġenti mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità. Xi delegazzjonijiet talbu wkoll kjarifiki u esprimew tħassib relatat, b'mod partikolari, man-nuqqas ta' ċertezza legali, it-tqassim tal-kompetenzi, u l-impatt Prattiku, finanzjarju u legali tal-proposta.

Żewġ delegazzjonijiet żammew riżervi ġenerali dwar il-proposta kif inhi.

Għalissa, id-delegazzjonijiet kollha żammew riżervi ġenerali ta' skrutinju dwar it-test.

CZ u DK żammew riżervi ta' skrutinju parlamentari. Waqt li appoġġat ir-riċerka għal kompromess, il-Kummissjoni affermat il-proposta oriġinali tagħha f'dan l-istadju u żammet riżerva ta' skrutinju dwar kwalunkwe bidla fiha.

Il-Parlament Ewropew adotta l-Opinjoni tiegħu fit-2 ta' April 2009² skont il-Proċedura ta' Konsultazzjoni. Wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fl-1 ta' Diċembru 2009, il-proposta issa taqa' taħt l-Artikolu 19 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea; għaldaqstant tinħtieġ l-unanimità fil-Kunsill, wara l-*approvazzjoni* tal-Parlament Ewropew.

² Ara d-dok. A6-0149/2009. Alice Kuhnke (SE/ Grupp tal-Ħodor/Alleanza Hiesla Ewropea) inħatret Rapporteur mill-Parlament attwali.

II. IL-ĦIDMA TAL-KUNSILL TAĦT IL-PRESIDENZA SLOVENA

Wara li ġiet diskussa proposta ta' kompromess ġdida u komprensiva f'Mejju,³ il-Presidenza Slovena ressqet nota ta' gwida⁴ li fiha sett ta' mistoqsijiet li ffukaw fuq tliet kwistjonijiet ewlenin pendenti, li huma: 1) *is-sussidjarjetà*; 2) *id-dispożizzjonijiet dwar id-diżabilità (spejjeż ta' implimentazzjoni u konsistenza mal-UNCPRD)*; u 3) *iċ-ċertezza legali*. Id-delegazzjonijiet indirizzaw dawn il-kwistjonijiet f'laqgħa informali tal-membri tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali.⁵ Id-diskussjoni tista' tiġi mqassra⁶ kif ġej:

1. Sussidjarjetà (b'mod partikolari, l-Artikoli 2(8) u 3(1-2) u l-Premessa 16)

- a) **Hemm bilanċ tajjeb bejn is-sussidjarjetà u l-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni permezz tal-liġi tal-UE?**
- b) **Hemm bilanċ tajjeb bejn il-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni minn naħa u l-protezzjoni tad-drittijiet bħar-rispett għall-ħajja privata u dik tal-familja, il-libertà ta' assoċjazzjoni u l-libertà tal-istampa min-naħa l-oħra?**

Għadd ta' delegazzjonijiet ħassew li l-aktar test reċenti b'mod ġenerali laħaq il-bilanċ it-tajjeb bejn is-sussidjarjetà u konsiderazzjonijiet oħra (jiġifieri, il-protezzjoni fil-livell tal-UE kontra d-diskriminazzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet bħar-rispett għall-ħajja privata u dik tal-familja, il-libertà ta' assoċjazzjoni u l-libertà tal-istampa). Madankollu, ċerti delegazzjonijiet raw ukoll il-ħtieġa għal aktar irfinar tat-test.

Delegazzjonijiet oħra kellhom tħassib dwar is-sussidjarjetà u iċ-ċertezza legali, u affermaw il-ħtieġa li jiġu protetti l-kompetenzi tal-Istati Membri, inkluż f'setturi bħall-edukazzjoni.

³ Dok. 8549/21. Ara wkoll id-dok. 9108/21 u 9109/21.

⁴ Dok. 12398/21

⁵ 27 ta' Ottubru 2021. Minħabba iċ-ċirkostanzi speċjali li rriżultaw mill-pandemija tal-Covid, il-laqgħa saret f'forma virtwali.

⁶ Għal aktar dettalji, ara d-dok. 13394/21.

Sadanittant, ċerti delegazzjonijiet oħra ħassew li t-test kien iddgħajjed wisq, u b'hekk iddgħajfet il-protezzjoni li joffri, u potenzjalment fetaħ il-bieb għal diskriminazzjoni f'oqsma bħal-liġi matrimonjali u tal-familja.

Delegazzjoni waħda xtaqet ukoll li jerġa' jiġi introdott fit-test il-kunċett ta' intersezzjonalità.

B'appoġġ għat-test attwali bħala bażi għal aktar diskussjoni, ir-rappreżentant tal-Kummissjoni afferma l-importanza li jiġi rispettata il-prinċipju ta' sussidjarjetà - li għandu jiġi ttrattat fil-premessi tal-proposta - kif ukoll ir-rwol tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE). Bi tweġiba għall-kummenti mid-delegazzjonijiet, ir-rappreżentant tal-Kummissjoni spjega li:

- l-attivitajiet *kummerċjali* kollha kienu koperti mid-Direttiva fil-kuntest tal-ekonomija kollaborattiva;
- id-Direttiva kienet maħsuba biss biex tiżgura *aċċess* ugwali għall-edukazzjoni, mingħajr ma taffettwa l-kompetenzi nazzjonali; u
- id-Direttiva tista' tkopri biss ir-raġunijiet għal diskriminazzjoni koperti fl-Artikolu 19 TFUE.

2. Spejjeż ta' implimentazzjoni (b'mod partikolari l-Artikolu 15 u l-Premessi 19ca, cb u cc)

- a) Tista' tappoġġa d-dispożizzjonijiet li jagħtu lill-Istati Membri d-dritt li jitolbu eżenzjoni temporanja mir-rekwiżit li jipprovdu akkomodazzjoni raġonevoli? Kif tixtieq tara li jiġu rfinati dawn id-dispożizzjonijiet?**

b) Tista' tipprowdi eżempji tas-sitwazzjonijiet konkreti li tixtieq tara koperti, b'kont meħud tal-fatt li n-nuqqas ta' piż żejjed jew sproporzjonat diġà ġie inkluż fil-kunċett ta' akkomodazzjoni raġonevoli?

Fi spirtu ta' kompromess, xi delegazzjonijiet kienu lesti jikkunsidraw l-idea ta' eżenzjoni temporanja mir-rekwiżit li tiġi pprovduta akkomodazzjoni raġonevoli lill-persuni b'diżabilità. Madankollu, kwistjonijiet li jeħtieġu aktar diskussjoni jinkludu l-ħtieġa li jiġu stabbiliti l-kriterji applikabbli u l-kompatibbiltà tad-Direttiva mal-UNCRRPD. Bħala alternattiva possibbli għal eżenzjoni temporanja assoluta, delegazzjoni waħda ssuġġeriet l-idea li jiġu sospiżi temporanjament il-penali applikabbli. Delegazzjoni oħra semmiet il-possibbiltà li l-eżenzjoni tiġi limitata għal oġġetti u servizzi ġodda biss.

Għadd ta' delegazzjonijiet oħra ma setgħux jappoġġaw l-eżenzjoni temporanja ssuġġerita, peress li din x'aktarx iddghajef il-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni għal persuni b'diżabilità. F'dan il-kuntest, ċerti delegazzjonijiet esprimew il-fehma li l-kunċett ta' piż sproporzjonat kien salvagwardja suffiċjenti kontra obbligi eċċessivament onerużi. Huma enfasizzaw li, fl-UNCRRPD, il-prinċipju ta' akkomodazzjoni raġonevoli kien applikabbli għal sitwazzjonijiet speċifiċi u bbażat fuq analiżi tal-piż sproporzjonat f'mument partikolari, u fakkru li d-dispożizzjonijiet li jinsabu fl-abbozz ta' Direttiva kienu diġà ddgħajfu matul diskussjonijiet preċedenti (eż. permezz tat-tneħħija ta' obbligi primarji fil-qasam tal-infrastruttura).

Delegazzjoni waħda wissiet kontra vantaġġi kompetittivi li jistgħu jirriżultaw jekk jingħataw eżenzjonijiet f'ċerti Stati Membri filwaqt li oħrajn iżommu regoli aktar stretti.

Diversi delegazzjonijiet ħassew il-ħtieġa ta' analiżi ulterjuri u kjarifika tal-klawżola ta' eżenzjoni ssuġġerita.

Filwaqt li għaraf it-tħassib tad-delegazzjonijiet rigward l-ispiża ekonomika tal-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet marbuta mad-diżabilità li jinsabu fid-Direttiva, ir-rappreżentant tal-Kummissjoni saħaq li, jekk eżenzjoni titqies bħala l-bażi ta' kompromess, din għandha tkun soġġetta għal kondizzjonijiet ċari li għandhom jiġu applikati mill-Istati Membri.

Diversi delegazzjonijiet iddispjaċihom li tneħħa l-kunċett ta' "aċċessibbiltà" mit-test, peress li b'hekk iddgħajfet il-protezzjoni mogħtija lil persuni b'diżabilità, billi kemm il-kunċett ta' "akkomodazzjoni raġonevoli" *kif ukoll* il-kunċett ta' "aċċessibbiltà" huma inklużi fl-UNCRRPD. Diversi delegazzjonijiet iddispjaċihom ukoll li mit-test tneħħa l-kunċett ta' "disinn universali", li kien jipprovdvi approċċ usa' għat-trattament ugwali għal persuni b'diżabilità.

B'appoġġ għat-test attwali bħala bażi għal aktar ħidma, ir-rappreżentant tal-Kummissjoni fakkar li l-proposta oriġinali ma kienet tinkludi l-ebda dispożizzjoni dettaljata dwar l-aċċessibbiltà, u li l-għan ewlieni kien li jiġi żgurat li l-aċċess għall-oqsma materjali differenti koperti mid-Direttiva ma jkunx diskriminatorju.

c) Inti sodisfatt bil-konsistenza bejn it-test attwali u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (UNCRRPD)?

Diversi delegazzjonijiet ħassew li t-test kien, b'mod ġenerali, konsistenti biżżejjed mal-UNCRRPD. Madankollu, diversi oħrajn ma kinux konvinti, billi jibzġhu mill-inċertezza legali u wissew kontra kwalunkwe ċaħda tad-dispożizzjonijiet tal-istrument tan-NU jew il-fatt li dawn jiddgħajfu.

Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni indika li l-UNCRRPD kienet tapplika fi kwalunkwe każ u li d-Direttiva proposta tagħti kontribut għall-implimentazzjoni tagħha, mingħajr, madankollu, ma tikkostitwixxi leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni fiha nnifisha.

3. Ċertezza legali (b'mod partikolari, l-Artikolu 2 (7 u 7a))

Tista' tappoġġa d-dispożizzjonijiet dwar id-differenzi permessi fit-trattament fl-għoti ta' assigurazzjoni, servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra bbażati fuq "l-età" jew fuq "il-kondizzjoni tas-saħħa li tista' tkun marbuta mad-diżabilità ta' persuna"? Jekk le, x'għandu jinbidel biex jiġi akkomodat it-tħassib tiegħek?

Diversi delegazzjonijiet appoġġaw it-test attwali bħala bażi għal aktar diskussjoni, soġġett għal kwalunkwe rfinar u kjarifika meħtieġa. Delegazzjoni waħda ssottolinjat l-importanza li ssir distinzjoni ċara bejn "diżabilità" u "kondizzjoni tas-saħħa".

Delegazzjoni oħra kienet tal-fehma li differenza fit-trattament ibbażata fuq "l-età jew il-kondizzjoni tas-saħħa ta' persuna li tista' tkun marbuta mad-diżabilità ta' persuna" x'aktarx ma tkunx kompatibbli mal-UNCROPD. Oħrajn affermaw il-leġittimità li jitqiesu l-età u s-saħħa, pereżempju, meta jiġu kkalkulati l-premiums tal-assigurazzjoni, u enfasizzaw l-importanza li tiġi żgurata n-natura oġġettiva u raġonevoli tad-differenzi fit-trattament. F'dan il-kuntest, delegazzjoni waħda enfasizzat ukoll il-ħtieġa li jiġi indirizzat l-użu tal-Intelliġenza Artifiċjali fit-teħid tad-deċiżjonijiet mill-fornituri tas-servizzi.

III. KONKLUŻJONI

Filwaqt li sar ċertu progress matul id-diskussjonijiet ibbażati fuq l-aktar test reċenti, jidher ċar li hi meħtieġa aktar ħidma estensiva qabel ma tkun tista' tintlaħaq l-unanimità meħtieġa fil-Kunsill.